# 124. Il-Passiġġata Filgħodu Kmieni

Ħriġt mid-dar u mort sal-Marsa
kmieni kmieni mat-tbexbix,
sabiex nagħmel passiġġata,
għax ngħas iżjed ma kellix.

Kif għaddejt minn ġo sqaq dejjaq,
żewġ nagħġiet bojod bit-tbajja
bek bek bek insolentawni,
u għajbuni minn warajja.

Żewġ baqriet mal-art mixħuta
om om om iddieħku bija
klu klu klu bir-rix imqajjem
id-dundjan tmasħan għalija.

Kif wasalt fit-tarf tas-sqajjaq
żewġt iklieb ħarġu minn dura,
waw waw waw it-tnejn hedduni,
u qaluli nerġa' lura.

U fil-pront ħmar żgħir xehbieni
naħaq naħqa kbira kbira
illi kwarta damet sejra
bit-tħanxira u bit-tkaxkira.

"Ma tarax?" qaluli l-bhejjem,
"kemm int ibleh u baħnan,
li flok tgawdi l-friex tas-sodda
qiegħed timraħ f'ħin bħal dan?

"Irqad kmieni, qawmien kmieni,
ħallih lilna, dehen m'għandniex;
wara x-xogħol int gawdi l-ħajja,
u fil-għodu gawdi l-friex.

"Min fil-għodu joħroġ kmieni
le jiltaqa' m'għorrief kbar,
jista' biss jisma' xi naħqa
kbira kbira ta' xi ħmar!"